Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Lulju 2023**
**(OR. en)**

**11795/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0203(COD)**

**CODEC 1360**
**ENER 445**
**ENV 846**
**TRANS 311**
**ECOFIN 770**
**RECH 353**
**CLIMA 353**
**IND 390**
**COMPET 759**
**CONSOM 280**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni) **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fl-14 ta' Lulju 2021 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 194(2) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Diċembru 2021[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' April 2022[3].

[1] Dokumenti 10745/2/21 REV 2 + 10745/21 ADD 1 REV 1 + ADD 2 sa 8.
[2] ĠU C 152, 6.4.2022, p. 134.
[3] ĠU C 301, 5.8.2022, p. 139.

4. Fil-11 ta' Lulju 2023 il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 15/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Ungerija u l-Polonja jivvutaw kontra u l-Latvja, il-Portugall u s-Slovakkja jastjenu.

6. Jekk ma jkun hemm ebda laqgħa tal-Kunsill bi kworum qabel is-26 ta' Lulju 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-enerġija u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni) kif tidher fid-dokument PE-CONS 15/23.

7. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum għal din in-nota.

8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[4] Dokument 11456/23.